**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 11/15 AGV**

ABC

vs

DC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Jannar, 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg nhar id-29 ta' April, 1989 gewwa l-Knisja Parokkjali tal-Mgarr, Malta u dan kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg estratt mill-Att taz-Zwieg numru 551/1989 (hawn anness esebit u mmarkat bhala Dok.A).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, EC, illum maggorenni u li ghandu 24 sena, FC, illum maggorenni u li ghandha 22 sena, GC, illum ukoll maggorenni u li ghandu 20 sena u l-minuri HC, li ghandu 10 snin (certifikat tat-twelid hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok.B, C, D u E).

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi, fost ragunijiet ohra validi fil-ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

4. Illi r-rikorrenti kienet kostretta li tabbanduna mid-dar matrimonjali stante li kienet qiedgha tigi ezercitata vjolenza da parti tal-konvenut fuq l-attrici hekk kif ser jigi ppruvat ukoll fil-mori tal-kawza.

5. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-proceduri kontenzjuzi ghas-separazzjoni minn mal-konvenut permezz ta' Digriet numru 2673/14 datat 21 ta' Novembru, 2014, hawn anness u mmarkat bhala Dok.F.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat.

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti okkorrendo ghall-finijiet ta' dina t-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar

sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

3. Tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

4. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

5. Tordna li l-intimat ihallas lill-attrici rata ta' manteniment ghaliha u ghal binha l-minuri anke b'mod retroattiv stante illi l-konvenut naqas li jhallas manteniment kemm ghaliha u kemm ghal binha minuri.

6. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad eskluzjoni tal-intimat fid-dar matrimonjali.

7. Tordna li l-konvenut ikollu access ghall-minuri sorveljat u dan ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Konvenut li eccepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu li jimputaw xi tortijiet fuq l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti.

2. Illi l-eccipjent jaqbel mal-ewwel talba attrici in kwantu li jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan mhux minhabba t-tortijiet dedotti kontrih.

3. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi tterminata u likwidata izda ghandha tigi ffissata d-data li minn dik id-data ‘l quddiem l-attrici titqies li ddekadiet mill-jedd taghha li tiehu sehem minn dak kollu akkwistat bix-xoghol u bil-hila tal-eccipjent.

4. Illi in vista tas-sueccepit, it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda peress li ma jezistux l-element guridici sabiex jigu applikati kontrih is-sanzjonijiet previsti mill-artikoli msemmija. Ir-referenza ghall-Artikolu 50 hi zbaljata stante li l-Artikolu 50 kien thassar bis-sahha tal-Att XX1 tal-1993.

5. Illi r-raba’ talba attrici ghandha tigi michuda peress li mhux fl-interess tal-minuri li jigi fdat fil-kura u kustodja tal-attrici kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza salv access stabbilit fl-ahjar interess tal-istess tifel minuri.

6. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda fejn jirrigwarda lill-attrici nnifisha peress li l-attrici ghandha ntrojtu bizzejjed mill-impjieg taghha sabiex tmantni ruhha. M’huwiex minnu li huwa naqas li jmantni lill-ibnu minuri stante li kien hu stess li ha hsiebu meta l-attrici telqet mid-dar u marret ghand terza persuna tas-sess maskili kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

7. Illi s-sitt talba attrici ghandha tigi ukoll michuda stante li huwa l-eccipjent li ghandu jibqa’ jabita fid-dar matrimonjali.

8. Illi s-seba’ talba attrici ghandha tigi michuda stante illi ma hemm ebda raguni ghaliex l-eccipjent ghandu jkollu access sorveljat u inoltre l-attrici hija zbaljata meta tirreferi ghall-Artikolu 57 (3) fir-rikors jipprovdi mod iehor u mhux ghall-access sorveljat u ghalhekk tali referenza fir-rikors kienet zbaljata u t-talba ghandha tigi skartata.

9. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

10. Illi l-attrici ghandha taghti l-informazzjoni kollha lil din l-Onorabbli Qorti ta' fejn hi u binhom minuri qedghin jirrisjedi bhalissa stante li hu fl-interess tal-eccipjent li jkun jaf fejn, ma' min u f'liema ambjent qed ighixu ibnu minuri.

11. Illi l-eccipjent m'ghandux ibati ebda spejjez f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ir-rapport tal-Periti Dr. Joseph Cassar u Dr. Keith Borg ipprezentat fit-18 ta' Jannar, 2017.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet izzewwgu fid-29 ta' April. 1989 fl-Imgarr u minn dan iz-zwieg kienu twieldu erbat itfal E, F, G u H llum kollha maggorenni, hlief ghal H.

2. L-attrici sahhqet li l-problemi mal-konvenut bdew mill-gherusija, izda peress li missierha kien heddidha li kien ser jerga' jehodilha l-art li kien taha biex tibni d-dar matrimonjali u peress li ghenha finanzjarjament biex tibniha u taha ukoll id-dota, kienet thossha dghajfa u baqqghet tirresisti z-zwieg.

3. Fiz-zwieg tispjega li l-konvenut kien sar vjolenti maghha u meta t-tfal bdew jikbru u kienu jaqbzu ghaliha, kienu spiccaw jaqilghu l-iswat huma ukoll. Il-biza’ kienet kompliet tizdied meta kien jheddidha li se joqtolha u kienet qed taffetwalha sahhitha, tant li kellha tigi rikoverata l-isptar minhabba ugigh f’ sidirha.

4. Meta s-sitwazzjoni tant kienet hazina, li ma felhtix aktar, l-attrici kienet ippakkjat l-affariijiet biex titlaq mid-dar, imma meta rah hekk il-konvenut, kien beda jsawwatha kif gie gie. Dejjem kienet tkun bid-daqqiet fuq wiccha u ma’ gisimiha kollha.

5. Waqt li l-attrici kienet marret ghand it-tabib, li ndunat li kellha t-tbengil mifrux ma’ gisimha u minkejja li ppruvat tghatti l-verita’, it-tabiba mill-ewwel indunat u kienet baghtitha biex taghmel rapport fuq il-vjolenza domestika. Kienet marret tiehu parir minghand l-avukat taghha Dr. Patrick Galea u malli l-konvenut ircieva l-ittra minghandu, ir-reazzjoni tieghu kienet wahda vjolenti u gieghlha tiehdu l-poliklinika tal-Mosta biex ifittex it-tabiba li kienet ghamlitilha c-certifikat mediku. Pero’ l-attrici rnexxielha tahrab u marret l-Ghassa tal-Mosta minflok.

6. L-attrici tistqarr li l-hajja sesswali bejniethom kienet hazina hafna u kienet hadet parir minghand tabib li kien tah xi suggerimenti x’taghmel, izda kien kollu ghalxejn.

7. Il-konvenut qatt ma kien jattendi l-parents day u affarijiet li kienu jikkoncernaw it-tfal u lanqas ma kien iqatta’ hin maghha u mat-tfal, lanqas qatt ma kien imur maghhom il-bahar jew meta tkun festa.

8. Minhabba incident li sehh meta l-attrici kienet halliet lit-tifel taghhom jorqod barra mid-dar, bezghet, telqet mid-dar u ma kellix fejn tmur. Kienet

fitxet l-ghajuna tal-Appogg li kienu baghtuha l-"Ghabex" ta' Santa Venera fejn kienet damet aktar mis-sitt xhur li suppost iddum hemm. Wara li telqet mid-dar, il-konvenut xorta baqa' jippersegwitaha, ighajjarha u jipprova jsuq ghal fuqha bil-karozza.

9. Dr.Sonia Abela, esebit certifikati mahruga mill-Health Centres u dawn jikkonfermaw li l-attrici kienet marret fic-centri xi sitt darbiet u hamsa minnhom kienu relatati ma' kazijiet ta' vjolenza domestika u tikkonferma li l-injuries jaqblu mal-vjolenza domestika.[1]

10. WPC 200 Vanessa Attard McCarthy pprezentat diversi rapporti.[2]

11. WPS 48 Sarah Zerafa esebit lista ta' sentenzi li kien hemm fil-konfront tal-konvenut.[3]

12. Amanda Galea, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg kienet iltaqghet mal-attrici peress li kienet marret ghandhom biex titlobhom shelter u kienu baghtuha "l-Ghabex." Kienet tkellmet maghha dwar problemi ta' abbuz domestiku. Waqt li kienet is-shelter, il-konvenut kien beda jitlobha tmur lura, kien anke hallilha l-fjuri u jekk kienet tohrog kien isegwiha, tant li kellha taghmel rapport. Dan kollu gara ghall-habta tas-snin 2013-2014 u kienet bdiet tircievi sapport emozzjonali minhabba l-proceduri ta' incidenti ta' vjolenza domestika u minhabba medjazzjoni.[4]

13. IJ, kien jahdem mal-konvenut ghal xi sena u nofs u kien sar jaf minghand l-attrici li kien refa' idejh fuqha u dan wara li kien induna li kellha t-tbengil minn tul idha kollha sa ghonqa. Kien induna diversi drabi li kien

---

[1] Ara Doks. SA 1 u SA 2 a fol. 153-157 tal-process.
[2] Ara Doks. WPC 1 – WPC 15 a fol. 104 – 152 tal-process.
[3] Ara Doks. SZ1 a fol. 170 tal-process.
[4] Ara Dok. AG 1 a fol. 168 tal-process.

ikun aggressiv maghha u li kien ighir ghaliha anke meta kienet tkun qed titkellem ma' mara ohra. Kien ipprova jkellmu, izda kien qallu biex ma jindahalx. Kien hemm diversi drabi fejn kien rah ighajjat mal-attrici u jaghmel idu ma' wiccha bhal donnu lest li jhebb ghaliha, Jiddeskrivi lill-konvenut bhala feroci u vjolenti u kien donnu kellu x-xjaten go fih.

14. DC, il-konvenut jaghti verzjoni kontrastanti ghal dik tal-attrici Jaghti x'jifhem li z-zwieg taghhom kien sejjer tajjeb sakemm l-attrici kienet bdiet tohrog ma' xi shabha ta' zmien l-iskola ghax kellhom xi riunjoni. Fl-istess zmien kellu klijent KL li kien ikun ghandu ta' spiss ghax kien jirrangalu x-xoghol tal-hadid ghat-trakk u l-bajla tal-konkos.

Bhala familja kienu ddecidew li jaghmlu xi tibdiliet fid-dar u kien gie jghinu dan K u ppartu x-xoghol. L-istess K kien talab lill-konvenut jekk l-attrici setghetx tmur tnaddaflu peress li kienet tahdem bhala cleaner, ghax kien ser ibierek. Minn hawn il-konvenut isemmi diversi episodji fejn wassluh jikkonkludi li dan K kien il-kagun tal-problemi fiz-zwieg taghhom u jikkonferma dan billi jghid li llum l-attrici qieghda f'relazzjoni mieghu, ghax kemm hu, kif ukoll il-familjari tieghu kienu rawhom flimkien, kif ukoll l-attrici ssuq diversi karozzi li huma ta' K.

L-attrici tghid li nbiddlet ghaliex ma tantx kienet tkun id-dar u kienet thalliha ttraskurata u anke lit-tfal kienet bdiet titraskurahom. Kien jafdaha b'kollox, anke l-amministrazzjoni tal-flus kienet tiehu hsieb kollox l-attrici.

Jichad li qatt kien vjolenti maghha, hlief darba meta ma hallihx titlaq. Fil-fatt, meta mar ifittex l-ghajnuna l-Appogg, ma kienx dispost jikkoopera

peress li rieduh jammetti li kellhu problemi ta' vjolenza domestika. Ighid li kellu jfittex l-ghajuna tal-psikjatra Mark Xuereb u kien qed jiehu l-pilloli.

Dwar id-dar matrimonjali, il-konvenut ighid li kienet art li kienu tawha lill-attrici, il-genituri taghha u kien bniha mill-flus kollha li kellu.

Hu u l-attrici kellhom ukoll bicca art li kienu xtraw flimkien ma' huh waqt iz-zwieg, izda mbaghad huh ma riedx jibqa' shab maghhom peress li jrid ibiegh u l-attrici ma tridx tiffirmalu.

Ikompli jghid li kienu ghamlu diversi spejjes anke wara z-zwieg peress li bnew garaxx u basement ukoll. Kien gab lin-nies biex jahdmu bl-ingenji taghhom.

15. MC, hu l-konvenut ighid li l-attrici kienet marret ghandu biex tinfurmah li kienu se jisseparaw u riedet tbieghlu sehemha mill-art li kellhom in komun sabiex ikollu sehem aktar mill-konvenut. Meta huh l-iehor mar jitkellem mal-konvenut, sabu li d-dar matrimonjali kienet fi stat hazin, tant li kienu bdew imorru jghinu lill-konvenut billi jnaddfu l-post. Bdew ighinuh ukoll bit-tifel li kien qed ighix mal-konvenut.

Jispjega ukoll li kien hemm zmien meta l-konvenut ma kienx jinstab fi stat ta' sahha tajba u darba fost l-ohrajn kien mar ghalih u bghatt ghat-tabib. Il-konvenut spicca rikoverat fl-Isptar Mater Dei u mbaghad baghtuh Mount Carmel. Kien ghalhekk li kkomunikaw mal-avukat tal-attrici, fejn talbuha sabiex tiehu hsieb il-minuri li kien ighix mal-konvenut. Minn hawn jistqarr li l-attrici bdiet tiehu hsieb binha.

Hu l-konvenut jinsisti li l-attrici qieghda f'relazzjoni ma' certu K, u dan ghaliex kien rahom flimkien. It-tifel minuri llum kien ighix mal-attrici u hu u hutu kienu jiehdu hsieb lill-konvenut li kien dam m'accetta s-separazzjoni.

16. NO, hu l-attrici jikkonferma ukoll li kien jaf li l-partijiet kellhom problemi fiz-zwieg. Ikkonfermat ukoll li kienet rat l-attrici ma' K wara li telqet mid-dar matrimonjali. Meta kienet telqet l-attrici, kienu marru x-xhud, omm l-attrici u l-konvenut biex jaraw jekk kinitx ma' K u dawk tal-ahhar kienu kkonfermaw li kienet id-dar tieghu.

Jikkonferma li l-attrici kienet ghamlet zmien l-Appogg, izda l-argumenti baqghu ghaddejjin anke mat-tfal. Illum il-konvenut ighix fid-dar t'ommu f'kamra ghalih u jhossu ahjar.

Bhala xoghol ighid li l-attrici kienet tahdem bhala cleaner gewwa villa z-Zebbiegh vicin taghhom.

Dwar il-minuri, ighid li ghamel zmien irrabbjat ghal missieru, izda malli kiber, induna li kien hemm problemi u kien beda jmur jara lil missieru ghal xi nofstanhar.

17. Omm l-attrici ABC, tghid li kienet qieghda ghand il-partjiet ghax kienet marret tigbor xi dokumenti biex tigbor il-hrieqi mill-isptar u ittraskurat. Kienet prezenti meta l-attrici kienet ghajjret lill-konvenut "babbu" u kienet canfritha ghax ma kienx mod kif titkellem dwar missierhom quddiem it-tfal. L-attrici kienet talbitha c-cavetta tad-dar taghha lura.

Omm l-attrici ssemmi ukoll illi kienet canfret it-tifla ukoll ghaliex kienu qalulha li kienu rawha ma’ KL fl-imwarrab. Kienet tafu bhala l-klijent tal-konvenut ghax kien imur ghandu biex isewwi l-ingenji. L-attrici kienet tmur tnaddaflu ukoll darba f’ gimgha.

Ikkonfermat li l-attrici kienet telqet mid-dar fis-17 ta’ Novembru, 2012 u kien mar ighidilha l-konvenut. Kien baqa’ jsegwiha u kienet marret id-dar ta’ K. Hi u l-konvenut kienu ftehmu li jmorru jaghmlulha l-ghassa hdejn id-dar ta’ K u kienu marru ghal erba’ ghodwiet. Fil-21 ta’ Novembru, 2018 rawha hierga ma’ K u kienu sejrin fid-direzzjoni lejn id-dar tal-partijiet, meta ndunaw li kienu qed isegwuhom u K waqqaf lill-attrici hdejn l-iskola tal-Imgarr. Kienu ppruvaw irikbuha izda rrifjutat, imbaghad kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija. Kienet ghamlet zmien l-Appogg xi tlett xhur u t-tfal F u E, kienu marru jghixu max-xhud. Kienet ratha meta hu l-attrici nfurmaha li missierha kien qieghed imut. Kienet marret tarah u wara l-funeral kienet bdiet terga’ tmur ghand ommha.

Il-konvenut kien marid u ghamel zmien Mount Carmel u jghix ma’ hutu, izda mbaghad kien mar ighix max-xhud u ghadu jghix maghha sal-lum. Meta saret taf l-attici bdiet tghid li ommha kienet keccietha.

Omm l-attrici ma temminx li l-konvenut kien refa’ idejh fuq l-attrici. Tghid li qatt ma kienet rathielha tbengila jew li kissrilha xi haga d-dar.

It-tfal tal-partijiet ma jkellmux l-attrici u hadd ma joqoghod maghha. It-tifel iz-zghir ikun id-dar taghha u jmur tajjeb hafna mal-konvenut.

Omm l-attrici tghid li hi u zewgha kellhom bicca art u kienu qasmuha bejn uliedhom. Peress li hi u l-attrici kienu vicin ta’ xulxin hafna, kienet

tehodilha hsieb il-flus u kienet taf fic-cert li mhux kienet bniet din l-art, izda kien il-konvenut li bniha bi flusu meta kien guvni. |Bil-flus li kellha l-attrici kienet hallset il-banju, il-madum, filwaqt li l-gebel u t-twieqi kienu thallsu mill-konvenut.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

18. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. esebit diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet li huma s-segwenti:-

**Isem l-attrici**

i) Savings Account no. 023-178148-050[5]
ii) Savings Account no. 061-107042-053[6]
iii) Savings Account no. 061-017042-451[7]
iv) Savings Account no. 061-017042-052[8]
v) Savings Account no. 061-017042-051[9]
vi) Savings Account No. 061-017042-050[10]
vii) Fixed Term Deposit Account – 061-017042-500[11]

**Isem il-konvenut**

---

[5] Ara Dok. AG 1 a fol. 206 tal-process
[6] Ara Dok. AG 2 a fol. 276 tal-process.
[7] Ara Dok.AG3 a fol. 295 tal-process.
[8] Ara Dok.AG4 a fol. 327 tal-process.
[9] Ara Dok. AG5 a fol. 334 tal-process.
[10] Ara Dok.AG6 a fol. 347 tal-process.
[11] Ara Dok. AG 7 a fol. 359 tal-process.

viii) Current Account no. 061-044210-001[12]

ix) Savings Account no. 061-044210-050[13]

**Kontijiet kongunti**

i) Business direct-Tax no. 061-252656 -001[14]

ii) Current account no. 061 -100624 – 001[15]

iii) Savings Account no. 061 – 100624 - 050[16]

iv) Term Deposit Account no. 061 – 100624 – 100 [17]

v) Ordinary Loan No. 061 – 252656 – 300[18]

Esebit ukoll dokument dwar id-Disposable Position of A/C 18028773[19]

19. Joseph Attard in rapprezentanza ta' Green MT xehed dwar il-pendenzi li kien hemm mal-konvenut. Ighid li kienu rcevew ittra minghand l-avukat tal-konvenut fejn kienu qed jintalbu jhallsu €43, 358.42, izda kien hemm kontestazzjoni fuq l-ammont peress li huma kienu qed jinsistu li kellhom ihallsu €222.50 inqas mill-ammont mitlub. Malli saru jafu li kien hemm problemi bejn il-partijiet kienu waqfu jaghmlu l-hlasijiet u fil-fatt ighid li l-ahhar pagament li sar kien fis-17 ta' Jannar, 2014.[20]

---

[12] Ara Dok. AG 9 a fol.362 tal-process.
[13] Ara Dok.AG 8 a fol.527 tal-process.
[14] Ara Dok. AG 10 a fol. 587 tal-process.
[15] Ara Dok. AG 11 a fol. 645 tal-process.

[16] Ara Dok. AG 12 a fol. 708 tal-process.

[17] Ara Dok. AG 13 a fol 759 tal-process
[18] Ara Dok.AG 14 a fol. 769 tal-process

[19] Ara Dok. AG 15 a fol. 780 tal-process.
[20] Ara Dok. JA 1 a fol. 792 tal-process.

20. Paul Vella, rapprezentant ta' Northern Cleaning Cooperative xehed dwar flus li thallsu lill-konvenut sakemm ghalqet il-kumpanija fl-2010. Il-konvenut kellu trukk taz-zibel u meta kien jieqaf xi trukk minn taghhom kienu jitlobuh imur ghal xi gurnata. [21]

21. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Jobs Plus Limited esebixxa l-employment history tal-partijiet.[22] Dok.JS 1 jikkonferma l-impjieg tal-konvenut illum.

22. PQ, habib tal-partjiet, jikkonferma li dejjem kien jinduna li l-affarijiet bejn il-kontendenti ma kinux sew u dan minhabba li qatt ma kien jaraha l-konvenut mal-attrici u uliedhom. Qatt ma kien rahom jidhku jew jiccajtaw flimkien. Isemmi diversi incidenti fejn induna li kien hemm problemi ta' vjolenza u swat. L-attrici iktar bdiet tiftah qalbha mieghu, wara li darba kien raha bid-demm f'halqha. Kienet tghidlu li kienet titlaq mid-dar kull darba li kien jaghtiha xebgha. Kien hemm darba fejn kien offrielha li torqod ghandu, izda peress li kienet damet xi jumejn kien qallha biex tmur lura u fi triqithom indunaw li l-konvenut u omm l-attrici kienu warajhom. Hu kien nizzel lill-attrici biex tmur maghhom u minn dakinhar l-konvenut ma kellmux izjed.

    Stqarr ukoll li peress li l-konvenut kien jahdem bl-iskamel u peress li t-toroq fl-Imgarr kienu dojoq, kienet tispicca tmur l-attrici bil-karozza taghha biex tigbor iz-zibel u tiehdu ghand il-konvenut.

    Anke meta kienu qed jaghmlu xi tibdiliet fid-dar taghhom, l-attrici u binha kienu jaghmlu kollox u meta kien staqsiha ghalfejn kienet qaltlu li l-konvenut ma kienx interessat peress li d-dar kien tahielha missierha.

---

[21] Ara Dok. PV 1 a fol.807 tal-process.
[22] Ara Dok.JS 1 u JS 2 a fol. 808 -812 tal-process.

23. Joseph Cassar Agius li kkonferma li l-konvenut qatt ma kien tah is-servizzi tieghu lil Northern Cleaning Services, filwaqt li kien tah is-servizzi tieghu ta' waste collecting lil Northern Cleaning Group Limited.[23]

24. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed dwar il-vetturi li l-partijiet kellhom u ghad ghandhom f'isimhom.[24]

25. Paul Scicluna, in rapprezentanza tal-Vat Department ikkonferma li ma kienx hemm pendenzi, il-hlasijiet iddikjarati kienu gew kollha mhallsa. Ighid ukoll li l-Vat kien registrat fuq il-konvenut.[25]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

1. **<u>Dwar Sevizzi u Ingurji gravi</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence**

[23] Ara Dok. JCA 1 u JCA 2 a fol. 839 – 840 tal-process.
[24] Ara Doks. SC1 – SC 4 a fol. 842 – 871 tal-process.
[25] Ara Dok. PS 1 a fol. 898 tal-process.

**Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs**

**Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[26]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[27]

[26] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[27] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

L-attrici tattribwixxi l-vjolenza lura sal-gherusija meta riedet thassar minn mal-konvenut, izda l-genituri taghha kienu jopponu ghal dan u baqghet sakemm izzewwgitu. Ir-raguni li taghti l-attrici ghalfejn telqet mid-dar matrimonjali u telqet lill-konvenut kien kollu minhabba l-iswat. Gew esebiti diversi rapport tal-pulizija fejn l-attrici kienet irrapportat lill-konvenut li meta interrogat mill-pulizija ma kienx cahad li kien refa' idejh fuq martu.

Dr. Joseph Cassar u Dr. Keith Borg hejjew rapport wara li saru diversi laqghat mal-partijiet u kkonkludew li l-konvenut huwa tip ta' persuna possessiva li jghir hafna ghall-attrici. Wara li telqitu kien waqa' f'depressjoni u kien spicca ghal xi perjodu f'Mount Carmel.

Minkejja li l-konvenut ikompli jinnega li kien uza' l-vjolenza fuq l-attrici, hi ressqet ukoll xhieda li kienu konsapevoli ta' dan, fosthom li kien ghamel zmien jahdem mieghu. L-attrici tant kienet mbezza' li xorta wahda telqet mid-dar u kienet torqod barra, tant kemm kienet iddisprata.

Ghalhekk, dan jindika li l-attrici batiet hafna f'dan iz-zwieg kemm emozzjonalment kif ukoll fizikament. Jekk kienet tikkontrarja l-konvenut kien jerfa' idejh fuqha u l-fatt li dina t-tip ta' hajja kienet saret ta' piz ghaliha, ma kienx jaghti lok ghalihom li jibqghu flimkien. Fil-fatt, hemm rapport mal-Appogg u kienet ghamlet zmien tghix f' Ghabex.

Ghalhekk, thoss li hemm ragunijiet ta' mohqrija kommessa mill-konvenut li jistghu jikkonfermaw li hu kien responsabbli ghat-tifrik fiz-zwieg.

Il-konvenut ittenta jibbaza l-kaz tieghu fuq tortijiet imputabbli lilu, partikolarment l-adulterju, izda madanakollu ma pprezentax kontro-talba u

lanqas ma ppremetta li l-attrici ghandha tinzamm responsabbli ghas-separazzjoni. Jinnega biss li huwa l-kagun tas-separazzjoni.

**KURA U KUSTODJA**

It-tifel minuri jghix mal-attrici u jmur jara lin-nanna materna peress li l-konvenut kien ighix maghha.

Jidher li t-tifel m'ghandu l-ebda problem b'dan l-arrangjament u ghalhekk ikun opportun li gialadarba hemm bilanc, il-kura u kustodja ghandha tkun eskluzziva fdata f'idejn l-attrici.

L-access ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha nhar l-Erbgha bejn il-4.30 sas-7.30 am u darba s-Sibt jew il-Hadd b'mod alternattiv bejn id-9.00 am sas-6.00 pm.

**MANTENIMENT**

Mir-rizultanzi processwali ma nghatatx indikazzjoni ta' x'inhu l-introjtu tal-partijiet. Gie stabbilit li l-attrici kienet tahdem bhala cleaner u mhux car jekk ghadhiex tahdem jew le. Fir-rikors taghha datat 11 ta' Mejju, 2017, kienet iddikjarat li l-uniku ntrojtu taghha huwa dak li tircievi minghand is-servizzi socjali. [28] Mid-dokumenti tal-employment history tal-attrici ma jirrizultax li qatt irregistrat li kienet tahdem bhala cleaner u l-probabilita' hija li ghadha taghmel dan ix-xoghol.

[28] Ara fol. 826 tal-process.

Dwar il-konvenut kien jahdem bhala welder u kien ukoll jahdem bl-iskamel, izda l-unika indikazzjoni tal-impjieg tieghu tirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza tal-JobsPlus fejn gie kkonfermat li sal-1 ta' Novembru, 2016, il-konvenut kien jahdem bhala driver ma' EJ Mangion.[29] B'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 6 ta' Gunju, 2017 gie ordnat lill-konvenut ihallas €180 fix-xahar, ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Ma ngabux aktar provi li l-introjtu tal-partijiet inbidel b'xi mod u ghaldaqstant dina l-Qorti ser tikkonferma d-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2017 surriferit.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

**<u>DAR MATRIMONJALI</u>**

Huwa fatt ikkonfermat mill-provi li l-genituri tal-attrici kienu tawha bicca art li imbaghad il-partijiet zvillupawha. Omm l-attrici tghid li bintha ma kellhiex bizzejjed flus sabiex tibni d-dar u kienet inbniet mill-flus tal-konvenut qabel iz-zwieg u dan kienet tafu ghax kienet tamministra l-flus tal-attrici u bhala fatt kienet taf li ma kellhiex bizzejjed flus biex tibni l-post. In kontradizzjoni ta' dan, l-attrici stqarret li missierha kien taha l-flus biex tghinha tibni l-post.

Minkejja li kemm omm l-attrici u l-konvenut, li jikkorrobora l-verzjoni taghha jghidu li hu hareg il-flus biex bena d-dar matrimonjali ma ngabux provi tal-ispejjes li kienu involuti f'dan il-bini sabiex tikkonvinci l-Qorti li ghandu jkun hemm prelevament favurih ghal dawn l-ispejjes.

---

[29] Ara fol. 810 tal-process.

Din il-Qorti tiddeplora l-mod kif gew imexxija l-proceduri. Hemm nuqqas ta' provi konkreti biex twassal dina l-Qorti tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti. Mill-dokumenti tal-banek jirrizulta li kien hemm xi poloz pero' dawn ma ssemmewx fl-ebda hin mill-partijiet. Kien fid-dmir taghhom jindikaw lil dina l-Qorti jekk ghadhomx miftuhin jew le. Il-partijiet ma jistghux jippretendu li l-Qorti tiehu sehem f'"guessing game." Trid tigi gwidata u jkollha platt mimli bi probabilitajiet u fatti konkreti li jistghu jwassluha ghad-decizjoni finali.

Ghalhekk se jkollha tillimita ruhha ghal dawk il-provi konkreti li jistghu jaghtu stampa aktar cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

i) Dwar il-kontijiet bankarji msemmija aktar 'l fuq, dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet;

ii) Bhala vetturi jirrizulta li hafna minnhom illum huma ggaraxxjati jew "scrapped." It-Transport Malta gabet provi li f'isem il-konvenut illum hemm tlett vetturi, Renault 12 bin-numru ta' registrazzjoni ACD 856, Bedford TL b'numru ta' registrazzjoni EAV 536 u Peugeot 106, b'numru ta' registrazzjoni HAW 851.

    Ghal darb'ohra dina l-Qorti m'ghandhiex hjiel tal-valur ta' dawn il-vetturi u mill-provi jirrizulta li l-attrici ssuq pero' mhux car jekk il-vettura kinitx wahda minn dawn. Ghaldaqstant, ghandha ssir valutazzjoni tal-vetturi minn surveyor u dik il-vettura li hi eqreb nofs il-valur tal-vetturi l-ohra ghandha tigi assenjata lill-attrici.

iii) Il-kreditu dovut minn Green MT li jammonta ghal €43,135.92 li ilu ma jithallas mis-17 ta' Jannar, 2014 lill-partijiet ghandu jinqasam

bejniethom. Il-Qorti tissottolineja li peress li Joseph Attard, li xehed in rapprezentanza tas-socjeta' Green MT, stqarr li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont pretiz mill-avukat tal-partijiet u l-ammont skond il-kalkoli taghhom ta' €222.50 u ma ngabux provi kontradditorji, qed tibbaza l-kreditu fuq l-ammont kif ikkalkolat mis-socjeta' Green MT, inkluz l-imghaxijiet peress li llum ghadda z-zmien.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba minhabba tortijiet ta' mohqrija imputabbli lill-konvenut;
ii) Tilqa' t-tieni talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni kif sottolineat aktar 'l fuq;
iii) Tichad it-tielet talba;
iv) Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-access jigi ezercitat kif fuq indikat;
v) Tilqa' l-hames talba u tordna li l-konvenut ihallas is-somma ta' €180 fix-xahar ghall-minuri, oltre' nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, flimkien mal-gholi tal-hajja;
vi) Tilqa' s-sitt talba;
vii) Tichad is-seba' talba ghar-ragunijiet li t-tifel minuri ghandu relazzjoni tajba mal-konvenut.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor.  Anthony G Vella

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**